



Missjoni Stilla tal-Baħar 2030: Nirristawraw l-ibħra u l-ilmijiet tagħna*



X'inhuma l-Missjonijiet tal-UE?

Il-missjonijiet tal-UE huma mnebbħa parzjalment mill-missjoni Apollo 11 li wasslet lill-bniedem fuq il-qamar, u huma impenn biex jingħelbu bosta sfidi kbar tas-soċjetà, fosthom:

- il-ġlieda kontra l-kanċer,
- l-adattament għat-tibdil fil-klima,
- il-ħajja fi bliet aktar ekoloġiċi,
- li tkun żgurata s-saħħa tal-ħamrija biex l-ikel ikun tajjeb għas-saħħa, u n-nies, in-natura u l-klima jkunu f'saħħithom, u
- it-tindif u r-restawr tal-oċean, tal-ibħra, tal-kosti u tax-xmajjar tagħna*.

Kull missjoni tal-UE se jkollha skeda taż-żmien u baġit speċifiċi mfassla skont l-isfida. Dawn se jmorru lil hinn mir-riċerka u l-innovazzjoni tradizzjonali, u se jrawmu l-innovazzjoni fis-setturi kollha biex jinkisbu soluzzjonijiet effettivi. Barra minn hekk, il-missjonijiet se jaqdu rwol kruċjali biex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar il-Ġlieda Kontra l-Kanċer.

Il-parteeċipazzjoni tagħkom tiswa

Il-missjonijiet ma jitwettqux mingħajr il-parti tagħkom. S'issa, il-Bordijiet tal-Missjonijiet, magħmulin minn taħlita ta' esperti minn organizzazzjonijiet tal-innovazzjoni, tar-riċerka, tat-tfassil tal-politika, tas-soċjetà ċivili u tal-prattikanti, għenu lill-Kummissjoni Ewropea tispeċifika l-missjonijiet possibbli. Issa wasal iż-żmien li ninvolvu lil ċittadini Ewropej bħalkom biex niżguraw li l-missjonijiet ikunu rilevanti u jagħmlu differenza reali għall-pajjiżi kollha tal-UE. B'ħidma flimkien, nistgħu niksbu ħafna aktar.

* Missjoni Oċeani, ibħra u ilmijiet interni u kostali f'saħħithom.

Missjoni Stilla tal-Baħar 2030: Nirristawraw l-ibħra u l-ilmijiet tagħna

Pjaneta blu f'saħħitha hija kruċjali għall-futur tagħna. L-oċean, l-ibħra, u l-ilmijiet kostali u interni jiffurmaw sistema unika li tkopri madwar 75% ta' wiċċ id-dinja. Hu l-aktar sors għani ta' bijodiversità, isostni ħabitats uniċi u hu marbut ferm ma' komponenti oħra tas-sistema klimatika bi skambju dinji tal-ilma, l-enerġija u l-karbonju. L-oċean u l-ilmijiet tagħna huma beni pubbliċi. Aħna responsabbli lkoll, b'mod individwal u kollettiv, għall-protezzjoni u s-saħħa tagħhom. Għalhekk irridu nbiddlu l-perspettiva tagħna. Irridu nagħrfu li l-oċean u l-ilmijiet tagħna jswew mitqal deheb u allura rridu nsostnuhom mhux indgħajfuhom.

Kull bniedem fuq l-art jiddependi direttament jew indirettament mill-oċean, mill-ibħra u mill-ilmijiet interni. Mingħajr oċean u ilmijiet f'saħħithom tgħib kull ħlejqa fid-dinja.



© davidclode, ħuta stilla. Sors: unsplash.com

Jekk l-ilmijiet tal-baħar u l-ilma ħelu tagħna jkunu ndaf, inkunu nistgħu nirrestawraw il-bijodiversità rikka tagħhom u l-ekonomija blu tagħna ssir sostenibbli u favur il-klima. Din il-missjoni għandha l-għan li niskopru u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar u tal-ilma ħelu Ewropejsal-2030.

Din hi r-raġuni għalfejn li niskopru, niproteġu u nirrestawraw l-oċean, l-ibħra u l-ilmijiet tagħna huma wieħed mill-isforzi vitali ta' żmienna. Is-sistema konnessa tal-ilma hija **s-sors ta' kull ħajja fid-dinja**, u l-eżistenza tal-bniedem fuq din il-pjaneta tiddependi minnha. L-oċean u l-ilmijiet **jipprovdu l-ilma li nixorbu u l-arja għan-nifs**, u allura jipproduċu 50% tal-ossiġenu fuq il-pjaneta tagħna. Ikopru madwar tliet kwarti ta' wiċċ id-dinja u huma **r-raġuni essenzjali għalfejn l-umanità għadha tgawdi klima stabbli u li ssostni l-ħajja**. Dawn jilqgħu **bijodiversità rikka** u speċijiet uniċi. Jipprovdu l-ikel, **enerġija nadifa, mediċini ġodda, u jsostnu l-għajxien** ta' ħafna nies fil-komunitajiet tagħna. Jostru fihom bosta **ħlejqu** li għad irridu niskopru.

Madankollu aħna qed inħallu **impronta dejjem akbar** fuq l-oċean u l-ilmijiet, li kulma jmur qed iddghajjed is-saħħa tagħhom u thedded il-kapaċità tagħhom li jipprovdu ħafna servizzi essenzjali:

- **It-tniġġis** qed jiddegrada l-partijiet kollha taċ-ċiklu tal-ilma, mill-borra u s-silġ fil-qċaċet tal-Alpi sa qiegħ l-oċean.
- **L-azzjonijiet tal-bniedem**, bħas-sajd żejjed, it-turiżmu mhux sostenibbli u l-użu tal-art issa qed jheddu aktar minn qatt qabel li aktar speċijiet jġu estinti.
- **L-emerġenza klimatika kkawżata mill-bniedem** qed tbidel l-istat tal-oċean u tal-ilmijiet u l-funzjonijiet kritiċi li dawn jaqdu. L-oċean jassorbi madwar kwart tal-emissjonijiet kollha tas-CO₂ tagħna mill-arja, u b'hekk l-oċean isir aktar aċiduż u inqas abitabbli għal ħafna speċijiet.



© karmaknight, #304705893, 2020.
Sors: stock.adobe.com

- Iż-żieda fit-temperaturi u t-tidwib tas-silġ polari qed **jibdlu l-kurrenti tal-oċean** u qed inaqqsu r-ritmu tal-Kurrent tal-Golf, li huwa fil-parti l-kbira l-kawża tal-klima moderata tal-Ewropa, tax-xita meħtieġa biex l-agrikoltura tirrendi, u tar-rendimenti għolja fis-sajd.
- Diġà nistgħu nħossu l-konsegwenzi li jġibu magħhom iż-żidiet **fil-livelli tal-baħar, għargħar aktar sever u l-estremitajiet tat-temp** bħal nixfiet twal li qed jheddu l-għajxien tagħna, u dawn bdew jispostaw ħafna komunitajiet.



© Jaap, #233289319, 2020. Sors: stock.adobe.com

Biex treġġa' lura din ix-xejra, l-Unjoni Ewropea qed tipproponi li tnedi Missjoni. Missjoni bil-għan li niskopru, niproteġu u nirrestawraw l-oċeani u l-ilmijiet tagħna sal-2030, filwaqt li niċċelebraw l-aktar riżorsa prezzjuża fid-dinja – l-ilmijiet li jagħtu l-ħajja.

Ejjew noħolqu sens ta' għaġeb u faxxinu b'rabta max-xmajjar, mal-lagi, mal-kosti, l-ibħra u l-oċean tal-Ewropa; ikunu pijunieri f'esplorazzjoni ġdida permezz tax-xjenza, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u nħossu eċċitament ġdid meta jissorprenduna skoperti u soluzzjonijiet ġodda. Għinuna nħarsu dak li għandna u nirkupraw dak li tliġna. Mexxuna lejn azzjonijiet utli, uruna kif l-għażżiet żgħira ta' kuljum jistgħu jħallu impatti kbar. Irridu

nifhmu ċ-ċiklu tal-ilma bħala sistema – mis-sors sal-vit.

Imnebbħa mill-ħames ponot tal-ħuta stilla, il-Missjoni se tindirizza ħames objettivi ġenerali. Il-Missjoni għandha l-għan li **tiskopri l-għeġubijiet mhux magħrufa** tal-oċeani u l-ilmijiet tagħna. Għandha l-ħsieb li **twaqqaf it-tniġġis** tal-oċean u tal-ilmijiet tagħna, u b'hekk tipprevjeni l-iskart tal-plastik, is-sustanzi kimiċi u kontaminanti oħra milli jispiċċaw fix-xmajjar u fil-baħar. Se **tirrestawra n-natura, il-bijodiversità** u l-ekosistemi degradati tagħha b'aktar protezzjoni u b'riforestazzjoni attiva, b'restawr tal-ambjent selvaġġ u b'soluzzjonijiet oħra bbażati fuq in-natura. Il-missjoni se tgħin biex **l-ekonomija blu ssir aktar sostenibbli u favur il-klima**, billi jiġu promossi teknoloġiji rinnovabbli u newtrali mill-karbonju, jonqsu l-emissjonijiet minn setturi eżistenti u jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi li jnaqqsu l-impronta ambjentali tal-attivitajiet tal-bniedem. Biex twettaq din il-missjoni, l-Unjoni Ewropea se tibni fuq il-politiki u l-programmi tagħha. Se tappoġġa **ideat ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni** biex jinstabu u jinfirxu soluzzjonijiet li jistgħu jibdlu mill-qiegħ il-mod kif nieħdu ħsieb l-ambjent blu tagħna. Il-Missjoni se tipproponi wkoll **mudelli ġodda ta' governanza** u se toħloq sħubijiet ma' gvernijiet, ma' negozji, ma' universitajiet, mas-soċjetà ċivili u ma' bosta oħrajn biex jaħdmu għal dan l-għan komuni.

Iżda mingħajrkom dan ma jseħħ. Intom jeħtieġ taħdmu magħna biex insawru l-futur tal-oċean, tal-ibħra, tal-kosti, tax-xmajjar u tal-lagi tagħna, u biex niżguraw ġejjieni aħjar. Nixtiqukom issiru parti mis-soluzzjoni biex nifhmu aħjar l-oċean u l-ilmijiet, u biex nibdlu l-mod kif naġixxu, kif nikkunsmaw u kif nagħmlu n-negozju u l-politika. Neħtieġu l-għajjnuna tagħkom biex niżviluppaw soluzzjonijiet li jnaqqsu l-impronta ekoloġika tagħna u b'mod sostenibbli jisfruttaw il-potenzjal tal-ekonomija blu tagħna. Kunu protagonisti tal-bidla fil-komunità tagħkom. Għinuna nirrestawraw is-saħħa tal-pjaneta blu tagħna għal ġejjieni aktar sostenibbli u blu.

Għal aktar informazzjoni żur <http://ec.europa.eu/mission-ocean> jew segwi #MissionOcean #EUmissions #HorizonEU fuq il-midja soċjali.